MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2004

Numru 247/2004

**Il-Pulizija
Spettur Joseph Mercieca
V**

**MARIELLA GRIMA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputata **MARIELLA GRIMA** ta' erbgha w ghoxrin sena bint Carmelo Grima u Miriam nee Fenech, imwielda Hal Qormi nhar d-disgha ta' Frar 1980 u residenti Block J, Flat 7, Government Housing Estate, Hamrun, detentrici tal-karta tal-identita numru 146180M giet mressqa quddiemha akkuzata talli fil-hdax ta' Frar 2004 ghall-habta tal-erbgha w kwart ta' wara nofsinhar gewwa l-Phonelink ta' Triq il-Mosta, San Pawl il-Bahar, bi hsara ta' haddiehor, ghamlet qligh b'qerq ta' mobile phone tal-ghamla Samsumg, li jista aktar minn mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin.

Rat d-dokumenti kollha esibti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat tnejn u ghoxrin ta' Marzu 2004 esibit fl-atti a fol 5 markat bhala dokument CSH 2 sabiex din il-kawza tigi tratta bi procedura sommarja.

Rat li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar s-sitta ta' April 2004 ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta a fol sebgha tal-atti odjerni.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi nhar s-sitta ta' April 2004 **xehed l-Ispettur Joseph Mercieca** kif jirrizulta a fol 8 et seq tal-atti fejn spjiega li fil-hamsa ta' Marzu 2004, ghall-habta tas-saghtejn neqsin ghoxrin ta' wara nofsinhar, certu Daniel Borg Olivier, li hu sid l-hanut Phoenix sitwat fi Triq Mosta, San Pawl il-Bahar, kien mar l-Ghassa jaghmel rapport li fil-hdax ta' Frar 2004, ghall-habta tal-erbgha w kwart ta' wara nofsinhar, l-imputata kienet marret fil-hanut tieghu bil-pretiza li tixtri mobile phone tal-ghamla Samsumg bil-camera mudell E700 komplut b'Go Mobile card li tiswa hames liri maltin ghal valur ta' mija hamsa w disghin lira maltin u din qalet lil mara tieghu, li dak l-hin kienet fil-karozza, li kienet sejra lejn il-karozza biex tigbor il-visa card ghal hlas, izda ma rritornatx lura u zammet il-mobile phone.  Illi sussegwentement qal wkoll li pereess li kien jaf lil imputata u kellu l-mobile number taghha, kien cemplilha diversi drabi u ma kienetx twiegbu u li kien baghtilha diversi SMS's bl-isperanza li thallsu, izda pero din qatt ma wegbitu u baqghet ma hallsitux.  Illi ghalhekk, kompla jixhed l-Ispettur Joseph Merceica, hu baghat ghal imputata u din qaltlu li veru kienet xtrat mobile phone minghand Daniel Borg Olivier, pero kienet ftehmet li setghet thallsu bin-nifs u ghalhekk telqet 'l barra minn fuq l-post.

Illi nhar is-sitta ta' April 2004 **xehed PS 614 Saviour Garcia** kif jirrizulta a fol 13 et seq tal-atti fejn qal li fil-

hamsa ta' Marzu 2004, huwa kien stazzjonat l-Ghassa u kkonferma r-rapport li ghamel Daniel Borg Olivier fis-sens kif spjiegat mill-Ispettur Joseph Mercieca. Ikkonferma pero li lil imputata servietha mart Daniel Borg Olivier waqt li kienet fil-hanut certa Cecile Borg Olivier. Huwa esibixxa l-okkorrenza relattiva ghal dan r-rapport li tinsab mmarkata bhala dokument PS a fol 15 tal-atti odjerni. Minn ezami ta' din l-okkorrenza jirrizulta d-deskrizzjoni tal-mobile phone u cioe li kien kulur il-fidda bi strippa blu u bin-numru tas-serie 351329002852374.

Illi nhar s-sitta ta' April 2004, **xehdet Cecile Borg Olivier** kif jirrizulta a fol 18 et seq tal-atti odjerni fejn stqarret li hija tahdem f'hanut maghruf bl-isem Phoenix sitwat fi Triq Mosta, San Pawl il-Bahar. Qalet li tiftakar li jum minnhom fost l-ohrajn, l-imputata, li gharfet presenti fl-awla, dahlet fil-hanut taghha waqt li kienet wahedha, talbitha tara il-mobile phone tal-ghamla Samsumg E700 u qaltilha li xtaqet tiehdu. Hija bdiet timla l-formola tal-garanzija, l-imputata qaltilha li kellha tmur tigbor il-visa card mill-karozza, l-imputata harget bil-mobile f'idejha u ma rritornatx lura biex thallasha. Hija giet murija l-mobile phone esibit fl-atti u gharfitu bhala dak li kien proprjeta taghha u li effettivament kienet hadet l-imputata. Hija kkonfermat li kienet l-imputata li talbet tara l-mobile phone u li tixtri credit ta' hames liri maltin u b'hekk kellha thallas mitejn lira maltin pero baqghet m'ghamlet xejn minn dan. Qalet li l-intendiment kien li l-imputata kellha thallas dak l-hin.

**Daniel Borg Olivier xehed** wkoll nhar s-sitta ta' April 2004 kif jirrizulta a fol 20 et seq tal-atti odjerni fejn ikkonferma r-rapport li hu kien ghamel lil Pulizija Ezekuttiva u cioe li Mariella Grima, l-imputata, kienet hadet mobile phone mill-hanut tieghu bla ma hallset ghalih. Ikkonferma wkoll li qabel ma mar jaghmel r-rapport ghand il-Pulizija, huwa ttanta jikkuntattja diversi drabi lil imputata biex jithallas, pero din ma rieditx taf. Huwa qal wkoll li l-imputata qaltlu diversi drabi li kienet ser thallsu kif del resto jghid hu u fil-fehma tieghu, dan jirrizulta mid-diversi SMS's li hi baghatitlu. Huwa ghalhekk esibixxa l-mobile phone tieghu li jgib in-numru

7928700 tal-ghamla Panasonic sabiex il-Qorti tkun tista tezamina l-messaggi registrati fuqu.

**L-imputata Mariella Grima xehdet nhar s-sitta ta' Settembru 2004 b'mod voluntarju** fejn tat il-versjoni tal-fatti kif kienu fil-fehma taghha. Qalet li nhar l-ghaxra ta' Frar 2004, hija kienet iltaqghet ma Daniel Borg Olivier u staqsietu jekk kellux mobile tal-marka Seimens E700 ghaliex xtaqet tarah. Dan qalilha li kellu dak l-mudell u ghalhekk marret fil-hanut tieghu pero ma sabitx lil Daniel Borg Olivier hemmhekk izda sabet lil martu li qaltilha li zewgha kien ser jasal ma jdumx. Fil-fatt l-imputata stenniet lil Daniel Borg Olivier u wara xi hames minuti wasal. Huwa induna li marret biex tara il-mobile u dan qabad w ghaddielha wiehed. Qaltlu li flus ma kellhix fuqha u li kienet riedet tarah biss. Staqsiha jekk ghogobiex u fil-fatt irrispondietu fl-affermattiv u qabad u tahulha u qalilha biex thallsu tal-mobile izjed tard. Hija ghalhekk telqet bil-mobile f'idejha. L-ghada, l-hdax ta' Frar 2004 ghalkemm qalet li riedet tarah biss u mhux tixtrih, mar ragel fuqha u qalilha li Daniel Borg Olivier kien xtaq jithallas tal-mobile. Hija spjiegat li Daniel Borg Olivier beda jheddidha biex jithallas u hija ddejjqet b'hekk u iddecidiet li ma thallsux. Wara xi zmien kienu baghtu ghaliha l-Pulizija u hija ghaddietilhom l-mobile pero zammet c-charger tieghu ghandha ghalkemm fix-xhieda taghha ddikjarat li ma kellhix oggezzjoni li dan ic-charger jigi ritornat wkoll lil Daniel Borg Olivier. Qalet wkoll li Cecile Borg Olivier mhux veru li qdietha fil-hanut ghaliex kien Daniel Borg Olivier li kien qdiha.

Il-Qorti **nnominat lin-Nutar Stephen Farrugia Sacco** sabiex jezamina l-mobile phone tal-imputata u johrog lista tal-messaggi registrati fuq is-sistema tieghu in vista ta' dak li qal Daniel Borg Olivier.

Illi nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Gunju 2004, l-istess **Nutar Stephen Farrugia Sacco ippresenta** u halef **r-relazzjoni tieghu** li giet mmarkata bhala dokument SFS esibita fl-atti a fol 32 et seq tal-atti odjerni.

Illi minn ezami ta' din r-relazzjoni jirrizulta li mill-address book tal-mobile phone esibit jirrizulta li l-mobile phone tal-imputata Mariella Grima kif registrat mill-istess Cecile Borg Olivier huwa 79293913. Jirrizulta li dan in-numru jidher registrat fil-phone book ta' Daniel Borg Olivier. Issa jidher car li l-istess Daniel Borg Olivier, ircieva messagg nhar l-hdax ta' Frar 2004 fejn l-imputata Mariella Grima qaltlu "*You'll know soon and don't worry i'll pay you ok but I can't tell you where I am and you know why sorry but I really can't*" u ftit wara u cioe nhar t-tlettax ta' Frar 2004 qaltlu "*So stop calling and hurt me*" u f'okkazzjoni ohra u cioe fit-tlettax ta' Frar 2004 qaltlu "*I'm not going to answer you so you're calling for nothing*."

Illi ghalhekk dak li qal Daniel Borg Olivier dwar il-mobile u cioe li l-imputata qabdet u hadet il-mobile u ma riditx thallas ghalih kien veritier ghaliex hija qaltlu "*Don't worry, I'll pay you*." Hija qatt ma cahdet li effettivament hadet il-mobile phone; qalet biss li l-mobile phone gie moghti lilha minn Daniel Borg Olivier u li setghet thallsu meta riedet hi ghaliex ma kellhiex terminu. Qalet wkoll fl-istess nifs, li hija ma rieditx tixtri l-mobile phone; riedet biss tarah originarjament. Ma kellha l-ebda hsieb tixtrih ghaliex flus ma kellhiex.

Il-Qorti ghalhekk tistaqsi jekk dan hu minnu, ghaliex haditu u baqghet midjuna ma Daniel Borg Olivier fl-ammont ta' mitejn lira maltin meta flus, fi kliemha stess, ma kellhiex. Xorta kellha thallsu fi kliemha, izda mhux minnufih ?

Il-Qorti thoss li x-xhieda moghtija mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni hija hafna aktar kredibbli fic-cirkostanzi.
**Il-Qorti** rat l-fedina penali tal-imputata li hija wahda netta minghajr ebda kontravenzjoni jew reat registrat fuqha u ghalhekk din il-Qorti thoss li ghandha tqis lil imputata bhala *a first time offender.* Qiset wkoll l-fattur li l-mobile gie ritornat lil sidu u ghalhekk is-socjeta ma sofriet ebda danni materjali.

**Ghalhekk** bl-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 261(c), 280 u 279 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta,

**tiddikjara li ssib lil imputata MARIELLA GRIMA hatja tal-akkuza kif dedotta kontra taghha u tikkundannaha ghal hlas ta' multa ta' mija u hamsin lira maltin.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------